# "San Cirillu u San Metodju"

John Berry – Università ta' Malta[1]

Tkun haga nobli jekk kull 14 ta' Frar mhux biss niccelebraw Jum San Valentinu, kif donna theggigna l-kultura taghna, izda ukoll infakkru zewg qaddisin kbar u ko-patruni ta' l-Ewropa: San Cirillu u San Metodju. Permezz ta' ittra enciclika imsejjha "Slavorum Apostoli" promulgata fit-2 ta' Gunju 1985, il-mibki Papa Gwanni Pawlu II mhux biss xtaqt ifakkar u jxandar hidmet dawn iz-zewg ahwa missjunarji, izda heggeg lil kulhadd sabiex jghozz 'l dawn il-gganti ta' l-istorja tal-Knisja u ta' l-Ewropa.

Dawn gew imsejjha mill-imperatur Bizantin u Patrijarka ta' Kostantinopli, fuq talba tal-Princep Ratislav, sabiex imorru fil-Moravia l-Kbira u hemmhekk ixerrdu l-vera fidi nisranija bi lsien Slav. Ghaldaqtsant, huma telqu art twelidhom u hadu maghhom l-Iskrittura u xi kotba ohra liturgici li aktar tard ittraducew ghal-lingwa antika Slava. Aktar tard, ddecidew li jiktbu kollox b'alfabet gdid. Cirillu u Metodju jibqghu msemmija ghar-rispett lejn id-diversità tal-kulturi, kif ukoll ghall-hila li ezercitaw biex jintegraw il-fidi mal-kultura tal-post. Bla dubju, ibbenefikaw minn frott hidmiethom il-Knisja, il-poplu Slav u l-kultura ewropeja.

Izda x'wassal lil Papa jikteb din l-enciclika, meta t-tifkira ta' dawn iz-zewg qaddisin kien ga ghamilha permezz ta' l-ittra appostolika "Egregiae Virtutis" hames snin qabel? Il-Papa ma kitibx din l-enciclika semplicement ghax hu ta' nisel Slav! Ir-raguni li tiggustifika din l-enciclika, tassew differenti fin-natura taghha mit-tlettax l-ohra, hija li ahna mhux biss ghandna nkunu konxji u nuru apprezzament ghall-hidmiethom jew l-ezempju evangeliku ta' hajjithom, izda ukoll li nimxu fuq il-passi taghhom u nghixu l-istess kwalitajiet li kienu jhaddnu huma. Cirillu, imlaqqam il-'filosfu' ghall-intelligenza tieghu u Metodju, li ghall-bidu ghex hajja monastika, ghandhom iservu ta' mudell ghalina sabiex bhalhom nirrispondu b'fidi generuza u zelu appostoliku quddiem il-kulturi li nsibu ruhna fihom.

[1] *Lehen is-Sewwa* Nru. 7530, Is-Sibt, 16 ta' Frar 2008, p. 10.

Il-Papa Gwanni Pawlu II jghid li mhux biss Cirillu u  Metodju ma wrewx arja ta' superjorita tal-lingwa griega jew tal-kultura bizantina li kienu gejjin minnha, izda kienu u huma tassew "mudelli ezemplari ghall-missjunarji kollha li f'kull zmien jilqghu l-istedina ta' San Pawl biex isiru kollox ma' kulhadd, biex isalvaw lil kulhadd" (1 Kor 9, 22). Bhalhom, ahna msejjhin biex inkunu habbâra ta' l-evangelju u lesti naghmlu hilitna biex ninkulturawh kull fejn inkunu.

Jidher li hemm erba' elementi li Papa jishaq fuqhom f'din l-enciclika. Dawn jinkludu z-zelu missjunarju, l-apprezzament ghall-kulturi differenti, l-kattolicità u l-universalità tal-Knisja, u l-impenn sod lejn l-ghaqda tal-Knisja, karaterizzat illum mill-isforzi li qed isiru mill-moviment ekumeniku li l-ghan tieghu hi li 'lkoll ikunu haga wahda'.

Ghalkemm ghexu aktar minn elf sena ilu, hajjet dawn il-qaddisin ghadha rilevanti ghall-bzonnijiet tas-socjeta u l-Knisja tal-lum. L-imhabba taghhom ghall-Knisja kollha, dik tal-Lvant u dik tal-Punent, kif ukoll ghall-kulturi godda certament tibqa ispirazzjoni u mudell ghal kulhadd. Huma mhux biss iservu ta' ispirazzjoni biex bhalhom u maghhom niskopru u nghozzu l-gheruq insara ta' l-Ewropa u l-kultura ewropeja, izda ukoll li nahdmu ghar-rikonciljazzjoni fost id-differenzi u nfittxu l-paci. Dawn il-qaddisin ifakkruna fir-responsabiltà taghna biex nitolbu ghall-paci, ghall-ghaqda, ghall-Ewropa, ghax-xandir ta' l-Evangelu, u ghall-futur tad-dinja sabiex tikber fostna civilta' ta' imhabba bl-ezempju u l-intercessjoni ta' dawn iz-zewg qaddisin.